



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA' L-EWROSISTEMA TAT-18 TA' FRAR 2005

I. Partiti li m'għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet fit-18 ta' Frar 2005, it-tnaqqis ta' EUR 93 miljun f'**deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** (il-partita nru. 1 ta' l-attiv) irrifletta l-bejgħ ta' deheb li għamlu żewġ banek ċentrali ta' l-Ewrosistema (skond il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar id-Deheb tas-27 ta' Settembru 2004).

Il-pożizzjoni netta ta' l-Ewrosistema fi flus barranin (partiti 2 u 3 ta' l-attiv nieqes il-partiti 7, 8 u 9 tal-passiv) żdiedet b'EUR 0.2 biljun għal EUR 155.1 biljun minħabba transazzjonijiet tal-klijenti u tal-portafoll.

L-investimenti ta' l-Ewrosistema ta' **titoli negozjabbli tar-residenti taż-żona ta' l-euro u denominati f'euro** (partita 7 ta' l-attiv) żdiedu b'EUR 1.3 biljun għal-EUR 74.8 biljun. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (partita 1 tal-passiv) naqsu b'EUR 1.6 biljun għal EUR 488.2 biljun. **L-obbligazzjonijiet lejn l-amministrazzjoni pubblika** (partita 5.1 tal-passiv) żdiedu b'EUR 1.6 biljun għal EUR 62.5 biljun.

II. Partiti li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta' l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (il-partita nru. 5 ta' l-attiv barra mill-partiti nru. 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) żdied b'EUR 1.2 biljun għal EUR 356.7 biljun. Nhar l-Erbgħa, 16 ta' Frar 2005, immaturat **operazzjoni ewlenija ta' rfinanzjament** ta' EUR 275.5 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 276.5 biljun.

Ir-rikors għall-**faċilità ta' self marġinali** (partita 5.5 ta' l-attiv) kien ta' EUR 0.2 biljun (meta mqabbel ma' prattikament xejn tal-ġimgħa ta' qabel), u r-rikors għall-**faċilità tad-depożitu** (partita 2.2 tal-passiv) kien prattikament xejn (bejn wieħed u ieħor l-istess bħall-ġimgħa ta' qabel).

III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro

Minħabba t-transazzjonijiet kollha, l-pożizzjoni tal-**kont kurrenti** li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ma' l-Ewrosistema (il-partita nru. 2.1 tal-passiv) żdiedet b'EUR 2.9 biljun għal EUR 145.1 biljun.

Bank Ċentrali Ewropew

Taqsimha Stampa u Informazzjoni

Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main

Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404

Internet: <http://www.ecb.int>

Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonxxuta din l-istqarrija.



BANK ĊENTRALI EWROPEW

Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 18 ta' Frar, 2005

(EUR miljuni)

Attiv	Bilanċ fis- 18 ta' Frar, 2005	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- qabel mħabba t-	Passiv	Bilanċ fis- 18 ta' Frar, 2005	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- mħabba t-
1 Deheb u krediti f'deheb	125,327	-93	1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	488,203	-1,643
2 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija			2 Obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro relatati ma l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'ewro		
2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI	23,662	-5	2.1 Kontijiet kurrenti		
2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' nvestiment			(li jkopru s-sistema ta' riservi minimi	145,064	2,866
Self barrani fiss u assi oħra barranin	128,924	1,257	2.2 Faċilità ta' depożitu	10	-38
Self barrani u assi oħra esterni	152,586	1,252	2.3 Depożiti fissi	0	0
3 Talbiet dovuti minn residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija	16,833	-1,925	2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0
4 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro			2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	12	12
4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investiment u self fiss	8,174	488	3 Obbligazzjonijiet oħra lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati	125	0
4.2 Talbiet li jirrżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0	4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa	0	0
	8,174	488	5 Obbligazzjonijiet lill residenti oħra fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro		
5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat f'ewro			5.1 L-amministrazzjoni pubblika	62,510	1,557
5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' ri-finanzjament	276,500	999	5.2 Obbligazzjonijiet oħra	7,358	212
5.2 Operazzjonijiet ta' ri-finanzjament għal żmien itwal	79,999	0		69,868	1,769
5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' fine-tuning	0	0	6 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	8,230	55
5.4 Reverse operations ta' tip strutturali	0	0	7 Obbligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita barranija	317	21
5.5 Faċilità ta' self marġinali	201	201	8 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita		
5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal ħlas jew għid marġinali	2	-20	8.1 Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra	8,439	-870
	356,702	1,180	8.2 Obbligazzjonijiet ġejjin mill-faċilità ta' kreditu taħt l-ERM II	0	0
6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	3,455	398		8,439	-870
7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	74,776	1,276	9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' għid speċjali allokati mill-FMI	5,573	0
8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat f'ewro	41,260	0	10 Passiv ieħor	51,093	324
9 Assi oħra	121,225	657	11 Kont tar-rivalutazzjoni	64,842	0
			12 Kapitali u riżervi	58,562	737
Assi Totali	900,338	3,233	Total tal-passiv	900,338	3,233

Hu possibbli illi t-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji mħabba li s-somma ġiet miżjuda jew imnaqsa sa l-eqreb numru sħiħ